

Brussell, 22 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5421/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0007(NLE)**

**AVIATION 14
ICAO 5
IXIM 22
RELEX 31**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru dok. Cion:	5105/21 + ADD 1
Nru. dok. preċ.:	5317/21 + ADD 1 REV 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-Kapitolu 9 tal-Anness 9 (il-"Faċilitazzjoni") tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-istandards u l-prattiki rakkomandati dwar id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri – Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. Fit-23 ta' Ġunju 2020, matul il-220 Sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) adotta l-Emenda 28 għall-Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. L-Anness 9 jistabbilixxi l-istandards internazzjonali dwar il-Faċilitazzjoni u l-Kapitolu 9 tiegħu, it-Taqsima D tirrigwarda speċifikament ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR).
2. Fis-17 ta' Lulju 2020, l-ICAO bagħtet l-Ittra tal-Istat EC 6/3–20/71 li fiha talbet lill-Istati Kontraenti għall-ICAO jinnotifikaw lill-ICAO bi kwalunkwe diżapprovazzjoni għall-Emenda, skont l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, u dwar kwalunkwe differenza fl-Emenda li tista' tinqala', skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

3. Fit-12 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE bi tweġiba għall-ittra tal-Istat tal-ICAO. Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fl-14 ta' Jannar 2021.
4. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-pożizzjoni rakkomandata tal-UE u għamlu l-kummenti.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument JL 5386/21 kif rivedut mill-ġuristi lingwisti,
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.
